# Żjarat importanti fis-Santwarju tal-Grotta ta' San Pawl u fil-Bażilika



Il-Q.T. Patrijarka Bartilmew, flimkien mal-Arċipriet, waqt mument ta' talb fis-Santwarju tal-Grotta ta' San Pawl.




Il-messaġġ tal-Q.T. Patrijarka Bartilmew fil-ktieb tal-viżitaturi tas-Santwarju tal-Grotta – tidher ukoll it-traduzzjoni bil-Malti u bl-Ingliż .

## Il-Q.T. Patrijarka Bartilmew I - Ortodoss

Nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2022 żar is-Santwarju Internazzjonali tal-Grotta ta' San Pawl il-Q.T. Patrijarka Bartilmew I, Arċisqof ta' Kostantinopli u ta' Ruma l-Ġdida. Huwa għamel ħin ta' talb fis-Santwarju tal-Grotta u ffirma l-ktieb tal-viżitaturi. Wara żar ukoll il-Kolleġġjata Bażilika ta' San Pawl flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata. Din kienet l-ewwel żjara li qatt saret minn Patrijarka Ortodoss fil-gżejjer Maltin. Huwa żar Malta fuq stedina tal-Arċisqof Charles Scicluna u tul il-jiem tiegħu f'Malta huwa ltaqa' mal-President ta' Malta, mal-Konferenza Episkopali Maltija, ma' residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, mar-refuġjati kif ukoll mal-komunità Nisranija Ortodossa mdaqqsa li hawn f'Malta.

Il-Patrijarka hu meqjus bħala l-aktar mexxej Ortodoss importanti fuq livell internazzjonali. Tul din iż-żjara saru żewġ ċelebrazzjonijiet ewlenin fil-Belt Valletta: il-liturġija tal-Vespri Patrijarkali nhar il-5 ta' Diċembru fil-Knisja ta' San Nikola (Tal-Erwieħ), u Servizz Ekumeniku fil-Konkatidral ta' San Ġwann fis-6 ta' Diċembru, fejn hemm ltaqa' mal-kapijiet tal-Knejjes l-oħra f'Malta kif ukoll ma' dawk impenjati fl-ekumeniżmu f'Malta u Għawdex. Il-Patrijarka qed jaħdem ħafna mal-Papa Franġisku biex itejbu r-relazzjonijiet Kattoliċi-Ortodossi.

## L-E.T. President tar-Repubblika Dr George Vella

Nhar is-Sibt 28 ta' Jannar 2023, il-President tar-Repubblika Dr George Vella żar is-Santwarju tal-Grotta ta' San Pawl, il-Kolleġġjata Bażilika kif ukoll il-Mużew Wignacourt u l-kumpless Pawlin fir-Rabat Malta. Din iż-żjara saret bħala parti mill-għaxar anniversarju mill-ewwel edizzjoni tal-Agape Festival organizzat mill-Fondazzjoni Paulus. Il-President tar-Repubblika esprima l-apprezzament tiegħu għall-wirt storiku li jinsab fil-Kolleġġjtata Bażilika u l-Mużew Wignacourt.



Iż-Żjara tal-E.T. Dr Goerge Vella, President ta' Malta fil-Kumpless Pawlin u l-Mużew Wignacourt.